MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 38/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**Vs**

**Keith Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta` Jannar, 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u sebgha u tletin euro, erbgha u ghoxrin centezmu (Euro537.24c) rapprezentanti bilanc li ghandu dovut in konnessjoni ma` client contract number 754 u dana ghal servizzi rezi fix-xhur ta` bejn is-sena 2007 u 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 30 ta` Ottubru, 2008 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien notifikat legalment b'dawn il-proceduri huwa naqas li jikkontesta t-talba attrici u anqas ma deher la fis-seduta tat-2 ta` Marzu, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro537.24c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------